MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 520/2002/1

**Waldorf Car Hire Limited**

vs

**Cutrico Services Ltd.**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm904 (disa' mija u erba' liri Maltin) rapprezentanti differenza tat-taxxa tar-registrazzjoni pagabbli lill-Awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-kirja tal-vettura Fiat Bravo, bin-numru ta' registrazzjoni AAK-931 lis-socjeta' konvenuta mikrija mis-socjeta' attrici.

Bl-imghax legali u bl-ispejjes, inkluzi Lm6 tal-konsult kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont pretiz mhux dovut mis-socjeta' konvenuta.

Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti

Sema t-trattazzjoni orali tal-konsulenti legali tal-partijiet fejn ma jistax ma jigix rilevat l-impenn legali li esprimew l-istess avukati.

Ikkonsidera

Illi l-kaz in ezami si tratta ta' gbir u hlas ta' taxxa in konnessjoni ma registrar ta' vetturi. Irrizulta li kienet instabet sistema ta' pagament ta' rata anqas minn dik solitament pagabbli billi tintuza procedura ta' 'leasing'. Din il-'loophole' giet skoperta u stronkata b'legislazzjoni gdida applikabbli retroattivament. Hawn si tratta ta' materja fiskali, materja ta' public policy li ghandha jkollha interpretazzjoni stretta minghajr ebda disgwid.

Illi s-socjeta' konvenuta opponiet it-talba ghal hlas billi hija tterminat il-ftehim tal-leasing appena giet informata bl-introduzzjoni ta' din it-taxxa ta' registrazzjoni gdida. Il-punctorum temporis ghaliha kien qabel l-ahhar tas-sena 2001 meta cioe'' trid tithallas il-licenzja. It-taxxa kienet tithallas mar-revokar tal-licenzja tat-triq.

Illi meta wiehed jistqarr l-Att X tas-2001 , Tielet Skeda, wiehed ma jiskopri l-ebda eccezzjoni. Il-ligi timponi zewg fatturi unici ossia

1. il-vettura tkun registrata ghal skop ta' leasing fil-perjodu 1 ta' Jannar 1998 sa 31 ta' Dicembru 2000.
2. il-pagament irid isir qabel il-hlas tal-licenzji tat-triq li jiskadu fis-sena 2001 u 2002.

Jirrizulta li l-ftehim bejn il-partijiet gie ffirmat fid-19 ta' Frar 1999 b'effett ghal hames snin. Is-socjeta' konvenuta tterminat fil-25 ta' Lulju 2001. Hallset il-penali u ghalhekk ma taqax taht l-effett tar-regolament gdid fuq indikat.

Illi l-legislazzjoni fiskali hija ta' interpretazzjoni stretta u b'applikazzjoni tassattiva. Hija l-istess ligi li taghti l-eccezzjoni, ma tistax tigi presupposta jew inventata. Billi s-socjeta' konvenuta itterminat unilateralment il-ftehim tal-leasing – kif del resto kellha d-dritt taghmel – hallset il-penali, dan hu 'res inter alios acta'. B'dawk il-passi li hadet, ma setghatx tahrab mill-obbligazzjoni taghha verso l-awtoritajiet tal-licenzjar tal-vetturi.

Is-socjeta' attrici kellha thallashom hi minhabba f-rifjut tas-socjeta' konvenuta li qed presenzjalment tirrikavahom minghand is-socjeta' konvenuta, u ghandhom dritt tirrikavahom.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jilqa' t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, bl-ispejjes skond il-ligi u bl-interessi mid-data tal-prezentata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------